

Regoli ġodda tal-UE għal batteriji aktar sostenibbli u etiċi

Hekk kif il-batteriji jsiru suq strateġiku, il-Parlament Ewropew adotta regoli ġodda biex jindirizza kwistjonijiet ambjentali, etiċi u soċjali relatati.

Mill-inqas **30 miljun vettura elettrika b'emissjonijiet żero** huma mbassra li jkunu fit-toroq tal-UE sal-2030. Filwaqt li l-karozzi elettriċi huma mistennija li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, dawn għandhom nuqqas li jagħmel ħsara lill-ambjent: il-batteriji tagħhom.

Il-Parlament Ewropew **adotta l-14 ta' Ġunju aġġornament tad-direttiva tal-UE dwar il-batteriji** biex jiġi żgurat li l-batteriji jkunu jistgħu jingħataw użu ġdid, jiġu manifatturati mill-ġdid jew jiġu riċiklati fi tmiem haġjithom.

Ir-regoli l-ġodda huma marbuta mal-**pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari u l-istrateġija industrijali tal-UE** li għandha l-għan li tkopri ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-prodott, mid-disinn sal-konsum u t-triq kollha sar-riċiklaġġ fi prodotti ġodda.

Ladarba jiġu approvati formalment mill-Kunsill, ir-regoli l-ġodda ser jidħlu fis-seħħ direttament. Dawn se jippermettu batteriji aktar sostenibbli, b'rendiment u durabbli.

Kif jiġu kklassifikati l-batteriji?

Il-Membri tal-PE appellaw għall-**introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' batteriji** għal "mezzi ta' trasport ħfief", bħar-roti elettroniċi jew l-iscooters elettroniċi, minħabba l-użu dejjem jikber tagħhom u l-iżviluppi tekniċi. Il-kategorija l-ġdida tiġi flimkien mal-klassijiet eżistenti tal-batteriji portabbli, awtomobilistiċi u industrijali.

BATTERIJI DISPONIBBLI FL-UE

Batteriji tal-karozzi

Użati għall-istartjar tal-karozzi, għad-dawl jew għall-ignixin



Batteriji industrijali

Għall-ħżin tal-enerġija jew għall-mobilizzazzjoni ta' vetturi elettriċi




Batteriji għall-mezzi ħfief tat-trasport

Bħal roti u scooters elettriċi

Batteriji portabbli

Huma ssiġillati, jistgħu jinġarru bl-idejn u la huma batteriji industrijali u lanqas tal-karozzi



Sors: Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, 2021



L-erba' kategoriji differenti ta' batteriji fl-UE

Batteriji: suq strateġiku għall-UE

Id-domanda globali għall-batteriji hija mistennija li tiżdied b'14-il darba sal-2030 u l-UE tista' tammonta għal 17 % ta' dik id-domanda. Dan huwa prinċipalment xprunat miż-żieda fl-ekonomija diġitali, l-enerġija rinnovabbli u l-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Iż-żieda fil-vetturi elettriċi li jużaw il-batteriji se tagħmel dan is-suq wieħed strateġiku fil-livell globali.

Limitazzjoni tal-impronta tal-karbonju tal-batteriji

Il-batteriji se jkollhom ikollhom tikketta li tirrifletti l-impronta tal-karbonju tagħhom sabiex l-impatt ambjentali tagħhom ikun aktar trasparenti. Din se tkun obligatorju għall-batteriji tal-vetturi elettriċi (EV), il-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief (LMT) u l-batteriji industrijali rikarikabbli b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh. Barra minn hekk, se tkopri l-ħajja kollha tal-batterija u tiggarrantixxi li batteriji ġodda jkun fihom livelli minimi ta' ċerta materja prima.

L-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' materja prima tal-batteriji

Il-manifattura tal-batteriji tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet kritiċi tal-materja prima, b'mod partikolari l-kobalt, il-litju, in-nikil u l-manganiż, li għandhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent u s-soċjetà.

Sabiex jiġu indirizzati l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u jiġi żgurat li l-batteriji jinkisbu b'mod aktar etiku, ir-regoli l-ġodda jintroduċu obbligu ta' diliġenza dovuta fuq il-manifatturi tal-batteriji. Dawn se jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li jindirizzaw ir-riskji soċjali u ambjentali madwar l-akkwist, l-ipproċessar u l-kummerċ ta' materja prima u materja prima sekondarja. L-operaturi ekonomiċi kollha li jqiegħdu batteriji fis-suq tal-UE, ħliet għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, se jkunu meħtieġa jiżviluppaw u jimplimentaw din il-politika ta' diliġenza dovuta.

IL-BATTERIJI U S-SOSTENIBBILTÀ

Id-domanda għall-batteriji mistennija tikber minħabba żieda fi:



Il-ħżin ta' enerġija rinnovabbli intermittenti




Il-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju




L-ekonomija diġitali

FI-UE, id-domanda għall-karozzi elettriċi qed tiżdied:

Electric cars registered in the EU-27



Għal vetturi elettriċi u batteriji tal-ħażna tal-enerġija, l-UE se teħtieġ:



Sorsi: Il-Parlament Ewropew, 2021; Il-Kummissjoni Ewropea, 2020; Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, 2021; Il-Forum Ekonomiku Dinji, 2019; L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, 2021



Iż-żieda fid-domanda għal batteriji u karozzi elettriċi u ż-żieda mistennija fil-materja prima

Żieda fir-riċiklaġġ tal-batteriji

FI-2020, inġabru kważi nofs (47 %) il-batteriji u l-akkumulaturi portabbli mibjugħa fl-UE għar-riċiklaġġ. Hemm proċessi speċifiċi għar-riċiklaġġ tal-batteriji għal kull tip ta' batterija minħabba l-

metalli u l-komposti differenti użati għall-manifattura tagħhom.

Miri aktar stretti għall-ġbir huma inklużi fir-regoli l-ġodda għall-batteriji portabbli (45 % sal-2023, 63 % sal-2027 u 73 % sal-2030) u għall-batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief (51 % sal-2028, 61 % sal-2031).

Barra minn hekk, l-iskart kollu minn mezzi tat-trasport ħfief, batteriji awtomotivi, industrijali u tal-vetturi elettriċi jenħtieġ li jinġabar mingħajr ħlas għall-utenti finali, irrispettivament min-natura, il-kompożizzjoni kimika, il-kundizzjoni, il-marka jew l-oriġini tagħhom.

Skont ir-regoli l-ġodda, il-livelli minimi tal-kobalt irkuprat (16 %), iċ-ċomb (85 %), il-litju (6 %) u n-nikil (6 %) mill-manifattura u l-iskart tal-konsumatur iridu jergġu jintużaw f'batteriji ġodda.

Simplifikazzjoni tat-tneħħija u s-sostituzzjoni tal-batteriji

Ir-regoli l-ġodda jipprevedu li l-batteriji jeħtieġ li jkunu aktar faċli biex jitneħħew u jiġu sostitwiti, filwaqt li l-konsumaturi jkunu infurmati aħjar. Il-batteriji portabbli fl-apparati jenħtieġ li jiġu ddisinjati b'tali mod li l-utenti jkunu jistgħu jneħħuhom u jissostitwixxuhom faċilment. Dan ir-rekwiżit se jsir obligatorju tliet snin u nofs wara li r-regoli jidħlu fis-seħħ. Se tingħata aktar informazzjoni dwar il-kapaċità, il-prestazzjoni, id-durabbiltà, il-kompożizzjoni kimika, kif ukoll is-simbolu tal-“ġbir separat” tal-batteriji.

Aqra aktar dwar l-ekonomija ċirkolari

- [Kif jista' jitnaqqas l-iskart mill-imballaġġ fl-UE? \(infografika\)](#)
- [Economija ċirkolari: definizzjoni, importanza u benefiċċji](#)
- [Il-ġestjoni tal-iskart fl-UE: infografika bil-fatti u ċ-ċifri](#)
- [L-iskart-e fl-UE: fatti u ċifri \(infografika\)](#)
- [L-impatt tal-produzzjoni tat-tessuti u l-iskart fuq l-ambjent \(infografika\)](#)
- [Kif jista' jiġi promoss il-konsum sostenibbli \[EN\]](#)

Briefing

[Il-qafas regolatorju l-ġdid tal-UE għall-batteriji \(Ġunju 2023\) \[EN\]](#)